MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2004

Numru. 25/2002
Kawza Numru. 14

Il-Pulizija
(Spettur Maurice Curmi)
- vs -

Anthony Farrugia

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra Anthony Farrugia, Karta tal-Identita` Numru 48152 (G), kif riportata a fol. 1 tal-process bil-mod segwenti:

Billi inti akkuzat talli f'Ghawdex b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, qabel is-17 ta' Novembru 1992 – 20 ta' Dicembru 1997 bhala propretarju tal-fond Plot 46, St. Mary, Ta' Gokk, Xewkija, Ghawdex u bhala persuna li fuqek huwa rregistrat il-meter tal-kurrent elettriku li hemm fl-imsemmi

post, b'mezzi qarrieqa u li bihom seta kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' dan il-kurrent elettriku jew li bihom seta iwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar, ikkomettejt serq ta' kurrent elettriku ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq jammonta ghall-Lm293.41,0 liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u l-valur. Barra minnhekk akkuzat ukoll talli ghamilt hsara fuq l-istess meter tad-dawl ghad-dannu tal-korporazzjoni Enemalta, liema hsara tammonta ghall-Lm8.00c. Il-Qorti hija gentilment mitluba li barra l-piena stabbilita tapplilka l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali Kap 9.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tal-21 ta' Jannar 2002 skond l-artikolu 370 (4) tal-Kap 9 sabiex il-kaz kontra l-imputata ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja.
Semghet il-provi bil-gurament;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami tal-akkuza l-imputat ghandu jwiegeb ghal dak li sehh "qabel 17.11.1992 -- 2.12.1997". Mill-ewwel irid jinghad illi l-akkuza hija mposta b'mod li ma jiftihemx. Jista' jkun illi l-prosekuzzjoni riedet tfiser li l-imputat ghandu jwiegeb ghal dak li sehh bejn is-17.11.92 u it-2.12.1997 izda dan mhux miktub bic-carezza li tehtieg il-ligi. L-imputat huwa akkuzat li b'rizoluzzjoni wahda qabel 17.11.1992 -- 20.12.1997. Din l-akkuza minnha nfisha tigbed fuqha ir-regola tal-preskrizzjoni ta' hames snin li l-Qorti hija obbligata li tissoleva ex officio. Izda il-Qorti mhix ser tasal s'hawn ghaliex il-mod kif redatta l-akkuza timporta n-nullita stante li ma tissodisfax ir-rekwizit li l-akkuza ghandha tinkorpora bi kliem car in-natura u d-dettalji tar-rejat li huwa addebitat lill-imputat.

Il-Qorti, wara li ezaminat l-atti kollha tal-kawza, fl-ewwel lok, u bhalma dejjem ghamlet f'kazijiet simili, tghamilha cara illi l-ewwel li ghandu jaghmel din u l-osservazzjonijiet segwenti ghandu jkun l-avukat difensur f'liema stadju jidhirlu hu u mhux ihalli l-Qorti ssib dawn u s-segwenti nuqqasijiet hi. Dan huwa xoghol l-avukat difensur

primarjament. Il-Qorti qed tirreferi ghal fatt illi r-rapport tal-Ispettur investigativ lill-Magistrat Inkwirenti kienipprezentat fis-7 ta' Novembru 2001 minkejja li hu datat it-18 ta' Dicembru 1997. Il-Process Verbal relattiv jghid illi fuq rapport tal-ispettur … tas-7 ta' Novembru 2001. Ir-rapport tal-espert tekniku jghid illi huwa kien nominat b'digriet tat-18 ta' Dicembru 1997. Sar access fuq il-post fl-20 ta' Dicembru 1997 u ingabret ix-xhieda fl-istess gurnata. Minkejja l-izbalji ovvji li jirrizultaw minn dawn l-atti, dan ifisser illi l-imputat huwa akkuzat b'eghmil li sehh anke jumejn wara li kien skopert. Dan kollu jimport nullita fl-atti.

Ghal dawn il-mottivi tiddikjara l-azzjoni nulla u tillibera lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------